MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Numru 1375/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Mallia)**

**V**

**Guzeppi Gauci ta' 45 sena iben il-mejjet John u Liberata nee Ellul, imwieled Mqabba, fit-2 ta' Dicembru, 1961 u li joqghod fil-fond 'Country View', Triq is-Sejba, Mqabba, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2962 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Guzeppi Gauci li gie akkuzat talli bejn it-12 ta' Mejju, 2007 u l-25 ta' Gunju, 2007 fl-Imqabba, u/jew f'inhawi differenti f'dawn il-gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe billi stampa numru tax-chassis jaqra '490415' fuq trakk tal-marka Bedford bin-numru tar-registrazzjoni originali LAW-154.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu kien ammetta l-akkuzi kif dedotti.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti minnu pprezentati.

Rat li moghti z-zmien biex jahseb fuq l-istess ammissjoni reggha kkonferma l-istess.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Illi l-fedina penali ta' l-akkuzat ghalkemm mhux ghal kollox nadifa zgur mhux refrattarja bhal ohrajn li mdorrija tara din il-Qorti.

Fil-fatt hija konsistenti mir-reati rigwardanti traffiku.

Rat l-ammissjoni ferm bikrija ta' l-akkuzat, hadet ukoll in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-akkuzat minhabba mard ta' ibnu, li ghalkemm ma jirrendix tali azzjoni bhala wahda gustifikata pero' jwassal il-Qorti biex tifhem u anke taghder l-azzjoni ta' l-akkuzat.

Ghaldaqstant anke wara li semghet ix-xhieda, it-trattazzjonijiet ta' l-Ufficjal Prosekutur, tqis li ma ghandux ibati piena karcerarja u lanqas wahda pekunjarja, dan minhabba r-ragunijiet gia premessi, ghaldaqstant qed

tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------